**8 ta' Jannar, 1965**

**Imhallef:**

**Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Filippo Agius

*versus*

Gio Maria Grech

**Ilma tat-triq — Sieqja — Ġiebja — Talba fiċ-Ċitazzjoni — Perit Legali — Art. 442 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond l-art. 442 tal-Kodiċi Ċivili s-sid tal-fond li jinsab f'livell superjuri, jista' jiddtriġi l-ilma tat-triq għal ġol-fond tiegħu a preferenza tas-sid tal-fond f'livell inferjuri u fl-istess naħa tat-triq.*

*Is-sid tal-fond f'livell superjuri, però, ma jistax jabbuża minn dan id-dritt u jħalli l-ilma jinħela billi jintilef ġo ġiebja difettuża.*

*F'każ ta' abbuż ta' dana d-dritt, it-talba taċ-ċitazzjoni għandha tkun tar-rimedju opportun u mhux li s-sid tal-fond f'livell superjuri jiġi privat minn dan id-dritt.*

Il-Qorti, fuq l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut għandu raba' ma' ġenb tiegħu msejjaħ "tal-Bonċ" limiti ta' Ħal-Qormi, u li r-raba' tal-konvenut għandu dritt jieħu l-ilma mit-triq qabel tiegħu li jinsab iktar fil-baxx, u billi l-konvenut għamel sieqja li ddaħħal l-ilma li jgħaddi minn fuq it-triq għal ġo bir miksur u ma jżomm l-ilma u b'hekk huwa qiegħed jabbuża mid-dritt tiegħu li jieħu l-ilma mit-triq bi preġudizzju ta' l-attur li ma jkunx jista' jieħu l-ilma warajh għar-raba' tiegħu, talab illi l-konvenut jiġi kkundannat ineħħi s-sieqja li jdaħħal l-ilma tat-triq għal ġol-bir miksur tiegħu bi preġudizzju ta' l-attur fi żmien perentorju li tipprefiġġielu l-Qorti u f'nuqqas illi huwa, l-attur, jiġi awtorizzat ineħħi huwa dik is-sieqja a spejjeż tal-konvenut — salva kull azzjoni lilu spettanti għad-danni;

OMISSIS;

Tikkunsidra illi Dottor Antonio Caruana fir-relazzjoni tiegħu wara li eżamina r-relazzjoni tal-A.I.C. Farrugia ssottometta illi ex admissis il-għalqa tal-konvenut kienet f'livell superjuri għal dik ta' l-attur u għalhekk il-każ kien regolat mill-art. 442 tal-Kodiċi Ċivili li kien jagħti lis-sid tal-fond li jinsab f'livell superjuri; f'dan il-każ lill-konvenut, li jista' jiddirieġi l-ilma tat-triq għal ġol-fond tiegħu a preferenza tal-fond ta' l-attur li kien f'livell inferjuri u fl-istess naħa tat-triq;

Illi skond ir-relazzjoni tal-A.I.C. Giuseppe Farrugia kien irriżulta illi l-ġiebja tal-konvenut ma kenitx miksura għaliex kienet ibbattmata u ma kienx jidher illi l-battum ma

kienx tajjeb biex iżomm l-ilma, imma kien irriżulta illi l-battum ma kienx jasal sa fuq il-livell tat-triq billi kien jasal sa xi żewġ piedi u disa' pulzieri taħt il-livell tas-sieqja b'mod illi meta l-ilma kien jissupera dan il-livell tal-battumi kien jntilef fir-radam u b'hekk il-ġiebja tal-konvenut ma kienet tista' qatt timtela għal kollox, bi preġudizzju evidenti ta' l-attur;

Dottor Caruana rrileva illi s-sid tal-ġiebja li tinsab fil-fond superjuri kellu skond il-leġislazzjoni antika jżomm il-ġibja fi stat tajjeb u li tista' żżomm l-ilma (Kodiċi Muniċipali Libro II Cap. XXIV) u għalkemm dina d-dispożizzjoni ma ġietx riprodotta fl-Ordinanza VII tal-1868 ma jistax jingħad li ġiet abrogata, u a parti minn dana kien hemm id-dispożizzjoni ġenerika tal-artikolu 1073 Kod. Ċivili li jiddisponi li huwa responsabili għad-danni kull min fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu jeċċedi l-ġusti limiti;

L-istess Dottor Caruana għalhekk issottometta illi l-attur kellu biss id-dritt li jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha li huma neċessarji biex il-ġiebja tkun fi grad li żżomm l-ilma u l-ilma ma jinħeliex, però, it-talba ta' l-attur ma kenitx formulata f'dan is-sens, billi l-attur kien talab illi l-konvenut jiġi kkundannat ineħħi s-sieqja; għalhekk ma kienx lok li t-talba kif magħmulha tiġi milqugħa u anqas ma kien hemm lok għall-eċċezzjoni tal-konvenut li l-kawża missa saret kontra s-sidien tal-għalqa (billi l-konvenut huwa biss inkwilin);

OMISSIS;

L-attur fin-nota tiegħu ssottometta illi l-perit legali ma setax jissolleva huwa marte proprio eċċezzjoni li ma kenitx ġiet mogħtija mill-konvenut, u a parti minn dana l-kawża kienet saret sewwa għaliex si tratta ta' abbuż ta' eżerċizzju

ta' dritt da parti tal-*konvenut* kif irriżulta mill-istess perizja u meta hemm iżjed minn rimedju wieħed iċ-ċittadin għandu l-għażla ta' l-azzjoni li jrid jintenta, u l-Qorti tista' tordna lill-konvenut li jieqaf mill-abbuż bil-mod li tippreskrivilu biex jiġu salvagwardati d-drittijiet ta' l-stess attur;

Il-Qorti hija tal-fehma li s-sottomissjonijiet ta' Dottor Caruana huma sewwa u għandhom jiġu adottati. It-talba hija biex il-konvenut jiġi kkundannat *ineħħi s-sieqja li ddaħħal l-ilma tat-triq għal ġol-ġiebja tiegħu*. Dan id-dritt tal-konvenut li jdaħħal l-ilma għal ġol-ġiebja tiegħu huwa konsagrat mill-liġi u l-attur stess jammettieh. Irriżulta wkoll illi l-bir mhuwiex miksur u jista' jżomm l-ilma sa livell li jasal sa xi żewġ piedi u disa' pulzieri taħt il-livell tas-sieqja. Jekk il-konvenut jabbuża mid-dritt tiegħu billi jħalli l-ilma jogħla iżjed mill-livell tal-battum hija kwistjoni oħra u fil-każ li jabbuża, ir-rimedju mhuwiex li l-konvenut jiġi privat minn dan id-dritt tiegħu, *dritt li ħadd ma jista' jiċħadlu*, imma miżuri oħra li l-attur ma talabx inqas in via subordinata. L-attur stess fin-nota tiegħu ammetta li l-konvenut ma kellux jiġi hekk drastikament privat mid-dritt tiegħu li jagħmel is-sieqja għal ġol-ġibja meta qal li l-Qorti tista' tordna lill-konvenut, bħala titolari tad-dritt li jieħu l-ilma qablu, li jieqaf mill-abbuż bil-mod li tippreskrivilu biex jiġu salvagwardati d-drittijiet ta' l-istess attur. Issa huwa proprju dan li l-attur ma talabx meta ġieb azzjoni totalment *differenti*. attur *kien* jaf ukoll minn qabel ma għamel il-kawża li l-ġibja tal-konvenut ma kenitx miksura għaliex meta fuq rapport tal-konvenut mar is-Surġent Dingli fuq il-post dana sab l-ilma sa xi qama u nofs 'l isfel mill-ħerża, ċjoè, minn naħa ta' fuq tal-ħerża, li jikkorrispondi su per giu għal żewġ piedi u disa' pulzieri tal-Perit Farrugia. Għalhekk kien jaf millbidu kif għandu jiregola ruħu u ma messux talab ħaġa li l-liġi ma tippermettilux li jsir. Kwantu għall-oċċezzjoni ta' l-attur li l-perit *ma messux jissolleva* eċċezzjoni li lanqas ma

*ġiet mogħtija mill-konvenut jidher ċar illi l-konklużjonijiet* peritali jidħlu fl-ambitu tal-eċċezzjonijiet mogħtija fil-meritu tal-kawża da parti tal-konvenut, u kwindi m'hemm xejn irregulari da parti tal-perit;

Għaldaqstant tiddeċiedi billi tiċħad it-talba kif magħmula mill-attur, salvo kwalunkwe azzjoni oħra lilu spettanti si et quatenus. Bl-ispejjeż kontra l-attur.